MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 368/2003

**Dr Rachel Loporto Montebello bhala mandatarja specjali tas-socjeta' Azienda Vinicola Fratelli Fabiano S.p.a.**

**Vs**

**Marmista Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attrici nomine ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm2285.83), jew ammont iehor verjuri rapprezentanti l-import f'Liri Maltin ta' hamest elef erba' mija u sitta u tmenin punt zero sitta Euros (Eur 5486,06), ammont rapprezentanti hlas ta' merkanzija ta' xorb alkoholiku lis-socjeta konvenuta mibjugha u kkonsenjata, liema hlas baqa' ma sarx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandati Kawtelatorji li gew pprezentati ma’ l-avviz u interessi kummercjali mid-data tal-konsenja relattiva sal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici nomine sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-23 ta' Frar 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attrici nomine s-somma ta' Lm2285.83,0 bl-imghax legali mill-15 ta’ Lulju 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandati kawtelatorju tal-15 ta’ Lulju 2003 u li huma imsemmijin fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------